**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Decembru, 2015.**

**Rikors Numru 1063/2009 SM**

**Charlet Abela**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana**
**u b'digriet datat l-4 t'April, 2013,**
**gie sostitwit bil-kliem**
**Direttur Generali (Dwana)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-30 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' nota datata l-14 t'Ottubru, 2009, kien infurmat li kienu maqbuda s-segwenti oggetti:

1.1.1. Trakk tal-marka *Bedford* numru CBG – 731;

1.1.2. Tankijiet tal-plastic hemm indikati, (ara foll 1);

1.2. Illi r-raguni ghal tali konfiska kienet imhabba allegazzjoni li kienu jikkontjenu diesel impurtat mhux konformi mall-ligi;

1.3. Illi qed tikkontesta din il-konfiska;

1.4. Illi qed titlob ir-rilaxx tat-trakk in dizamina;

1.5. Illi r-rikorrenti kien inkarigat minn Paul Piscopo biex ibattal diesel minn bastiment tas-sajd u jiehdu f'lanca tas-sajd ohra;

1.6. Illi r-rikorrenti ma kienx jaf li d-diesel in dizamina kien irregolari;

1.7. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex din:

1.7.1. Tordna r-rilaxx tal-vettura fuq riferita;

1.7.2. Taghti kull provediment iehor xieraq u opportun fir-rigward;

2. Rat l-ordni datat il-5 ta' Novembru, 2009, moghti minn din il-qorti diversament preseduta, (ara foll 2);

3.0. Rat ir-risposta ta' l-intimat datata s-26 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu wiegeb sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi hemm procedura ohra konnessa ma' l-istess incident li ta bidu lil din il-kawza;

3.2. Illi hu ghaqli li din il-procedura tinstema ma dik indikata fil-paragrafu precedenti u effettivament giet gia` intavolata talba f'dan ir-rigward;

3.3. Illi t-trakk in dizamina gie konfiskat skont il-ligi *stante* li kien il-mezz li bih ingarr id-diesel *de quo* bi ksur tal-ligi u b'telf ghall-erarju;

3.4. Illi *stante* li din hi "procedura *in rem*", mhux rilevanti ta' min hi l-vettura;

3.5. Illi lanqas hu rilevanti jekk sid l-istess vettura kienx jaf jew le bl-uzu illegali li sar bl-istess vettura;

3.6. Salv risposti ohra;

3.7. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez;

4. Rat il-verbal datat il-11 ta' Dicembru, 2009, li permezz tieghu il-partijiet, kif abbli rapprezentati, ddikjaraw li "jaqblu ma dak li jinghad fl-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat", (ara foll 8);

5. Illi konsegwentement l-istess kawza giet ghalhekk differita *sine die* appuntabbli biex tinstema` mal-kawza li ggib in-numru 1061/2009, (ara foll 8);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 t'April, 2010, li permezz tieghu, l-procedura odjerna giet appuntata ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 9);

7. Rat id-digriet sussegwenti ta' l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat it-28 t'April, 2010, li permezz tieghu ddifferiet l-istess procedura biex tinstema` flimkien mar-rikors guramentat fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru hamsa, (5), aktar qabel);

8. Rat il-verbal ta' l-istess partijiet kontendenti datat s-26 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-provi kollha li jinstemghu fir-rikors numru 1061/2009 fuq gia` indikat, jghoddu wkoll ghall-prezenti rikors, (ara foll 12), liema verbal gie ripetut fl-udjenza sussegwenti, (ara foll 13);

9. Rat id-digriet ta' l-istess qorti fuq indikata datat it-12 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu estendiet l-inkarigu ta' l-assistent gudizzjarju hemm indikat ghar-rikors in dizamina, (ara foll 14);

10. Rat id-digriet ta' l-istess qorti hekk indikata datat l-4 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu irrevokat il-precedenti inkarigu

moghti lill-assistent gudizzjarju fuq riferit, u ssosstitwiet l-istess bil-perit legali hemm indikata, (ara foll 19);

11. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat l-4 t'April, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali ta' l-intimat, awtorizzat il-korrezzjoni hemm mitluba, (ara foll 28);

12. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legal ital-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 42);

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat datata is-26 ta' Gunju, 2015, (ara foll 54), effettivament risposta ghal dik precedentement ipprezentata mir-rikorrenti fl-atti tar-rikors numru 1061/2009 fuq riferit, (ara foll 240 ta' l-istess rikors hawn indikat), liema nota hi wkoll ghalhekk applikabbli ghall-procedura odjerna;

14. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, kemm fil-process odjern, kif ukoll fil-process kontigwu bin-numru 1061/2009 fuq riferit;

15. Semghet u ezaminat ix-xhieda prodotta, inkluz ukoll id-dikjarazzjonijiet guramentati hemm ukoll prodotti;

16. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kawza;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-abbli perit legali fuq gia` riferita sintetikament elenkat is-segwenti fatti mill-provi minnha migbura:

17.1. Illi d-dghajsa bl-isem "Alexandra I" giet Malta mill-Egittu f'Mejju, 2009, wara li nxtrat permezz tal-kuntratt datat is-27 t'Awwissu, 2009, f'Ezbet el Burg, Damietta, l-Egittu, (ara foll 37 fir-rikors numru 1061/2009);

17.2. Illi l-istess kuntratt fuq indikat espressament jindika li l-istess dghajsa kellha sitt (6) tankijiet kontenenti hamsa u ghoxrin elf (25,000.00), litru diesel, (ara foll 38 ta' l-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti);

17.3. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li l-ammont ta' diesel fuq indikat ovvjament ma joriginax minn Malta *stante* li fil-mument tal-konsolidazzjoni tal-kuntratt ta' kompravendita d-dghajsa *de quo* kienet, kif hemm dikjarat, fl-Egittu, (ara foll 37);

17.4. Illi *del resto* l-istess provenjenza estera tad-diesel in dizamina tirrizulta wkoll oggettivament konfortata mill-fatt li minn ezamijiet xjentifici kondotti mill-esperti ta' l-intimat jirrizulta li s-*sulpher content"* ta' l-istess diesel kien ferm oghla minn dak importat u uzat f'Malta;

17.5. Illi ghalhekk jirrizulta abbundantement assodat li d-diesel in dizamina ma nxtarax f'Malta;

17.6. Illi s-suespost irrizulta *del resto* wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata tal-kaptan Egizzjan li inizzel id-dghajsa Malta, li meta ghamel dan id-dghajsa kien fiha l-ammont ta' diesel fuq indikat, (ara foll 54 ta' l-imsemmi rikors 1061/2009);

17.7. Illi r-rikorrenti jsostni li nghata struzzjonijiet appoziti biex ibiddel il-*gear box* u jsostni wkoll li ghalhekk kien hemm il-htiega biex jitbattal id-diesel *de quo* u jitqieghed fil-vann tieghu bin-numru CBG – 731, (ara foll 160 ta' l-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti);

17.8. Illi *di piu`* jirrizulta li l-imsemmi vann fuq indikat ma kienx registrat biex igorr merkanzija perikoluza u ghalhekk mhux appozitament attrezzat ghall-garr tal-*"gas oil"*, (ara foll 156 u 160 ta' l-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti);

17.9. Illi l-istess rikorrenti jikkonferma wkoll li d-diesel hekk imnehhi mid-dghajsa fuq indikata kien ser jitqieghed f'dghajsa ohra, senjatament il-"Madonna ta' Pompei",

(ara foll 160 tar-rikors indikat fil-paragrafu precedenti);

17.10. Illi effettivament jirrizulta li l-vann *de quo* gie intercettat bil-lejl, (ara foll 127 tal-fuq imsemmi rikors), bid-diesel inkriminanti go fih, meta kien fi triqtu biex ihott l-istess diesel fid-dghajsa l-ohra indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 160 tal-fuq imsemmi rikors);

17.11. Illi konsegwenza tas-suespost, l-istess perit legali tissottolinea li ma kellha l-ebda dubju dwar il-fatt li l-ebda dazju ma gie mhallas fir-rigward tad-diesel in dizamina, (ara foll 32);

17.12. Illi *del resto* il-fatt li ma thallas l-ebda dazju fir-rigward hu wkoll *expressis verbis* ikkonfermat mis-sid stess, Paul Piscopo, li fix-xhieda tieghu isostni dan bil-gurament, (ara foll 159 ta' l-imsemmi rikors);

Ikkunsidrat:

18. Illi din il-qorti hi sodisfatta bl-esekuzzjoni ta' l-inkarigu ta' l-abbli espert legali in dizamina u *stante* li ma ssib xejn x'ticcensura fir-rigward, taghmel taghha l-esposizzjoni tal-fatti kif fuq sintetikament elenkata;

19.0. Illi in vista ta' l-istess jirrizulta assodat sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi d-dghajsa "Alexandra I" mixtrija minn Paul Piscopo fl-Egittu u migjuba Malta kellha hamsa u ghoxrin elf, (25,000.00), litru diesel fuqha;

19.2. Illi fis-satra tal-lejl ghall-habta ta' l-4.45 a.m. ta' l-14 t'Ottubru, 2009, l-istess ammont ta' diesel indikat fil-paragrafu precedenti tghabba fit-trakk tar-rikorrenti, liema trakk ma kienx registrat biex igorr merkanzija perikoluza, u kien fi triqtu biex jimla dghajsa ohra bl-isem ta' "Madonna ta' Pompei" bl-istess diesel;

19.3. Illi l-imsemmi diesel kien ta' provenjenza estera, (Egizzjana), u ma kienx konformi mall-kwalita` ta' diesel uzata lokalment, kif *del resto* irrizulta xjentifikament accertat wara l-analisi u ezamijiet fuqu esegwiti;

19.4. Illi ghalhekk jirrizulta li:

19.4.1. Id-diesel *de quo* ma thallasx id-dazju fuqu dovut;

19.4.2. L-istess diesel kien qed jigi kutrabandat bil-lejl u kien qed jingarr mit-trakk tar-rikorrenti li kien qed isuqhu;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Filwaqt li takkolji r-risposti ta' l-intimat;

20.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**